



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.5.2025
C(2025) 1802 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 6.5.2025

li jemenda r-Regolamenti Delegati (UE) 2016/1237 u (UE) 2020/760 bħala konsegwenza tal-istabbiliment tas-Sistema elettronika għall-Formalitajiet Agrikoli Mhux doganali (ELAN)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2022/2399 jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana. B'mod partikolari, jistabbilixxi regoli komuni għal Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana ("Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana") armonizzati u integrati biex jiġu diġitalizzati l-proċessi tal-iżdoganar tal-merkanzija fil-kummerċ internazzjonali u biex jiġu ffaċilitati l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni diġitali bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab.

Sabiex jiġi implimentat l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, ir-Regolament (UE) 2022/2399 jistabbilixxi s-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana (EU CSW-CERTEX, European Union Customs Single Window Certificates Exchange System), li tgħaqqad l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni li jwettqu l-ġestjoni ta' formalitajiet speċifiċi mhux doganali.

F'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2399, l-iskambju ta' informazzjoni diġitali permezz tal-EU CSW-CERTEX irid ikopri l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali li l-awtoritajiet doganali huma fdati jinfurzwaw.

Il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni jinkludu l-operazzjonijiet kollha li jeħtieġ jitwettqu għall-moviment internazzjonali tal-merkanzija, u jimponu obbligi differenti għall-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-tranżitu ta' ċerta merkanzija, u l-verifika tagħha permezz ta' kontrolli doganali hija fundamentali għall-funzjonament effettiv tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana.

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-miżuri meħtieġa fir-rigward tal-komunikazzjonijiet li għandhom isiru mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, il-monitoraġġ, l-analiżi u l-ġestjoni tas-suq fi prodotti agrikoli, kif ukoll l-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali konklużi f'konformità mat-TFUE.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-abbozz ta' att delegat ġie ppreżentat u diskuss mal-esperti fil-laqgħat tal-grupp ta' esperti rigward mistoqsijiet orizzontali dwar il-PAK fit-22 ta' Mejju 2024.

L-abbozz ta' att delegat ġie ppubblikat għall-feedback fil-portal tal-Europa "Semma' Leħnek" mill-20 ta' Frar 2025 sal-20 ta' Marzu 2025. Fuq "Semma' Leħnek" waslu żewġ kummenti. Wieheh minnhom enfasizza l-importanza tal-użu tad-diġitalizzazzjoni bħala mezz kif jiġu żgurati l-kontrolli effettivi fuq il-konformità mal-formalitajiet mhux doganali sabiex jiġu evitati l-każijiet ta' frodi. Saħaq ukoll fuq l-importanza li tiġi evitata l-frammentazzjoni fl-interoperabbiltà. Il-kumment l-ieħor issuġġerixxa li jiġi limitat sal-minimu l-intervenzjoniżmu ekonomiku u li s-suq jitħalla jikkoreġi lilu nnifsu. L-ebda modifika sostanzjali ħarġet minn dawn il-kummenti.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jemenda ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237 u tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 biex jadattahom fid-dawl tal-ħolqien tas-sistema

elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (ELAN, electronic system for agricultural non-customs formalities).

4. VALUTAZZJONI TAL-INTEROPERABBILTÀ

Skont il-valutazzjoni li twettqet f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2024/903, l-att delegat huwa konformi mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament li tiġi promossa l-interoperabbiltà transfruntiera tas-servizzi pubbliċi diġitali trans-Ewropej, u b'hekk tikkontribwixxi għall-interoperabbiltà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni sottostanti.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.5.2025

li jemenda r-Regolamenti Delegati (UE) 2016/1237 u (UE) 2020/760 bħala konsegwenza tal-istabbiliment tas-Sistema elettronika għall-Formalitajiet Agrikoli Mhux doganali (ELAN)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 177 u 186 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jistabbilixxi Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana ("Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana"), li jinkludi Sistema elettronika ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana (EU CSW-CERTEX), l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana, u diversi sistemi mhux doganali tal-Unjoni li l-użu tagħhom huwa obligatorju jew volontarju skont id-dritt tal-Unjoni.
- (2) Sabiex jiġi ottimizzat il-kummerċ ta' prodotti agrikoli, id-dokumenti kollha meħtieġa fil-leġiżlazzjoni agrikola għall-issodisfar ta' formalitajiet mhux doganali jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri f'forma elettronika permezz tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/XXX³ [C(2025) 1804, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/XXX⁴ [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] jistabbilixxu sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali ("ELAN") biex id-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jsiru disponibbli għall-awtoritajiet doganali f'forma elettronika. L-iżvilupp u l-użu tal-ELAN jeħtieġu l-adozzjoni ta' qafas legali adegwat biex jiġu stabbiliti r-regoli applikabbli għas-sistema.

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>.

² Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2399/oj>).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/XXX ta' ... li jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali ("ELAN") għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-kummerċ u s-suq fi prodotti agrikoli [C(2025) 1804, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] (ĠU L, ELI....).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/XXX ta' ... li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali ("ELAN") [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] (ĠU L, ELI....).

- (4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1237⁵ jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni għall-kummerċ ta' prodotti agrikoli u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760⁶ jistabbilixxi regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni soġġetti għal liċenzji. Dawk ir-Regolamenti Delegati jeħtieġ li jiġu emendati sabiex id-dokumenti fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ikunu jistgħu jsiru disponibbli għall-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri f'forma elettronika permezz tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana.
- (5) L-iskambju elettroniku tal-liċenzji permezz tal-ELAN u l-EU CSW-CERTEX tal-UE jirrikjedi s-sostituzzjoni gradwali tal-mudelli għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239⁷ b'mudelli tad-data ġodda mfassla għall-ELAN, imsejħa ELAN1L-AGRIM u ELAN1L-AGREX, li għandhom jippermettu l-użu tagħhom f'forma elettronika permezz tal-komunikazzjoni bejn is-sistemi elettroniċi nazzjonali, l-ELAN, u l-EU CSW-CERTEX. L-awtoritajiet tal-ħruġ kompetenti jenħtieġ li jimlew dawn il-mudelli tad-data f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u l-istruzzjonijiet ippublikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (6) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jqis li l-użu tal-ELAN għandu jsir gradwalment obligatorju f'konformità mad-dati tal-perjodu tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/XXX [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet]. Matul il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fil-paragrafi 1 u 2 ta' dak l-Artikolu, il-liċenzji jistgħu jkunu bbażati fuq il-mudelli stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239. Barra minn hekk, matul il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/XXX [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] u sakemm l-użu tal-ELAN isir obligatorju għall-awtoritajiet doganali, id-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ELAN jistgħu jiġu pprintjati fuq karta.
- (7) Barra minn hekk, l-użu ta' dokumenti pprintjati fuq karta xorta jista' jkun possibbli meta l-użu tal-ELAN ikun sar obligatorju, bħala soluzzjoni ta' riżerva jekk is-sistema

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1237 tat-18 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli dwar ir-rilaxx u t-telf ta' garanziji ppreżentati għal tali liċenzji, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001, (KE) Nru 1342/2003, (KE) Nru 2336/2003, (KE) Nru 951/2006, (KE) Nru 341/2007 u (KE) Nru 382/2008 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2390/98, (KE) Nru 1345/2005, (KE) Nru 376/2008 u (KE) Nru 507/2008 (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/1237/oj).

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal liċenzji u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta' garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/760/oj).

⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239 tat-18 ta' Mejju 2016 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/1239/oj).

ma tibqax disponibbli temporanjament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti din il-possibbiltà.

- (8) L-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237 jirrikjedi li l-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni jiġu ppreżentati fiżikament lill-awtoritajiet doganali. Dak l-Artikolu jenħtieġ li jiġi adattat biex jakkomoda l-użu ta' dokumenti elettroniċi, u l-possibbiltà li dawn jinġabru f'forma elektronika mill-ELAN.
- (9) Bl-istess mod, fejn l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237 jistabbilixxi struzzjonijiet dwar kif għandhom jimtew taqsimiet speċifiċi tal-liċenzji abbażi tal-mudelli attwali, jenħtieġ li dak l-Artikolu jiġi integrat mal-istruzzjonijiet dwar kif għandu jimtela l-mudell tad-data rilevanti l-ġdid.
- (10) L-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237 jippermetti t-trasferiment ta' liċenzji jew l-estratti tagħhom lil operatur wieħed biss, li min-naħa tiegħu jista' jittrasferixxihom lura biss lid-detentur oriġinali. Għandu jiġi ċċarat li, fir-rigward tal-liċenzji maħruġa skont il-mudell tad-data ELAN1L-AGRI, f'każ ta' trasferiment lura lid-detentur titolari, il-liċenzja jew l-estratt jistgħu jerġgħu jiġu ttrasferiti lil operatur ieħor.
- (11) L-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237 jirrikjedi li l-Istati Membri jinnotifikaw il-liċenzji ta' sostituzzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 15(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament Delegat jieqaf japplika għal-liċenzji ta' sostituzzjoni elettroniċi maħruġa fl-ELAN jew ikkomunikati lilu. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 8 jiġi emendat, filwaqt li jitqies li l-liċenzji xorta jistgħu jiġu pprintjati fuq karta kemm qabel ma l-użu tal-ELAN isir obligatorju għall-awtoritajiet tal-ħruġ u doganali kollha, kif ukoll fl-okkażjonijiet fejn l-ELAN temporanjament ma jibqax disponibbli. F'dawn il-każijiet, ir-regoli dwar il-liċenzji ta' sostituzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament Delegat u n-notifika tagħhom jenħtieġ li jibqgħu japplikaw.
- (12) Skont l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237, l-obbligu tal-liċenzja tal-importazzjoni ma japplikax għall-importazzjonijiet tat-tewm mill-1 ta' Ottubru 2017. Għalhekk, l-obbligu li jiġu nnotifikati l-liċenzji "B" jenħtieġ li jitneħħa mill-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament Delegat. Bl-istess mod, l-obbligu li jinħarġu liċenzji għat-tewm stabbilit fl-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament Delegat jenħtieġ li jitħassar.
- (13) L-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237 jenħtieġ li jiċċara li l-liċenzji maħruġa għall-importazzjonijiet fis-settur tal-qanneb għandhom jikkonformaw mal-mudell tad-data l-ġdid ELAN1L-AGRI.
- (14) Jenħtieġ li l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 jinkludi r-Regolament Delegat (UE) 2025/XXX [C(2025) 1804, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/XXX [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] li jirregolaw l-ELAN mal-lista tar-regoli applikabbli.
- (15) L-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 jirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi jissottomettu l-prova tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew tal-esportazzjoni lill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji għar-rilaxx tal-garanziji. Dak l-Artikolu jenħtieġ li jiġi adattat biex jiċċara li ladarba l-liċenzji jsiru disponibbli f'forma elektronika fl-ELAN, il-prova tal-użu tagħhom tista' tinkiseb mill-ELAN.
- (16) L-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 jirrikjedi li d-dikjarazzjoni doganali użata biex tingħata prova tal-kwantità referenzjali tal-operaturi jkollha n-numru tal-fattura. Madankollu, wara l-emenda introdotta f'dak l-Artikolu bir-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/735⁸, l-importaturi ma għadhomx meħtieġa jagħtu prova tal-kwantità referenzjali tagħhom abbażi tal-fatturi. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/760 ma jibqax jirrikjedi li d-dikjarazzjoni doganali tirreferi għan-numru ta' fatturi.

- (17) L-użu ta' liċenzji elettroniċi permezz tal-ELAN jenħtieġ li jnaqqas l-obbligu għall-Istati Membri li jinnotifikaw informazzjoni dwar il-liċenzji. B'mod partikolari, il-kwantitajiet mhux użati jistgħu jiġu rkuprati mill-ELAN, kemm jekk l-awtoritajiet tal-ħruġ kif ukoll l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jużaw l-ELAN. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-Istati Membri li joħroġu liċenzji fl-ELAN, jew li jikkomunikaw liċenzji lil dik is-sistema, abbażi ta' dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi, ma jenħtieġx li jibqgħu jinnotifikaw daww il-liċenzji lill-Kummissjoni, peress li jenħtieġ li jkunu disponibbli fl-ELAN.
- (18) Il-modifiki introdotti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jirriflettu l-fatt li l-użu tal-ELAN għandu jsir obligatorju għall-utenti kollha fi tmiem il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 6(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/XXX [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet].
- (19) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti Delegati (UE) 2016/1237 u (UE) 2020/760 jiġu emendati kif xieraq.
- (20) Ir-rekwiżiti li jawtorizzaw id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti meħtieġa għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera u għall-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli koperti minn dan ir-Regolament jaffettwaw is-servizzi pubbliċi diġitali trans-Ewropej skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. Għaldaqstant, twettqet valutazzjoni tal-interoperabbiltà u r-rapport li jirriżulta għandu jiġi ppubblikat fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli.
- (21) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tar-regoli qabel ma l-ELAN isir disponibbli għall-utenti tiegħu għal finijiet ta' ttestjar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237

Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/1237 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

- (a) jiżdied il-punt (c) li ġej:

“(c) ‘struzzjonijiet ippubblikati fis-serje C ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*’ tfisser l-‘Avviż dwar l-istruzzjonijiet dwar il-mili tal-mudelli tad-data ELAN1L-AGRIM u

⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/735 tat-30 ta' Jannar 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/760 fir-rigward tar-rekwiżit li jiġu ppreżentati fatturi biex tiġi stabbilita l-kwantità referenzjali, u li jiċċara xi kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sistema elettronika tar-Reġistrazzjoni u l-Identifikazzjoni tal-Operaturi tal-Liċenzji (LORI) (ĠU L 96, 5.4.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/735/oj).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jstipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli) (ĠU L, 2024/903, 22.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/903/oj>).

ELAN1L-AGREX' [C(2025)1805, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (j) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2016/1239.';

(b) jiżdied it-tieni paragrafu li ġej:

“Id-definizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/XXX* [C(2025) 1804, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] u fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/XXX** [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] japplikaw għal dan ir-Regolament.

* Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/XXX of ...li jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (“ELAN”) għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-kummerċ u s-suq fi prodotti agrikoli [C(2025) 1804, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] (ĠU L, ELI....).

** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/XXX ta' ... li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (“ELAN”) [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] (ĠU L, ELI....).”;

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“Hija meħtieġa liċenzja tal-importazzjoni għall-prodotti li ġejjin.”;

(b) fil-paragrafu 2, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“Hija meħtieġa liċenzja tal-esportazzjoni għall-prodotti li ġejjin.”;

(3) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Id-dikjarazzjoni doganali għal rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni għandha tiġi ppreżentata minn:

(a) id-detentur titolari tal-liċenzja li jikkorrispondi għall-informazzjoni pprovduta fit-Taqsima “Detentur titolari” tal-liċenzja stabbilita fl-Anness I.1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 (“detentur titolari”) jew f'konformità mal-istruzzjonijiet ippubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Jekk, f'konformità mar-regoli tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 21a sa 21d ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-liċenzja tinħareġ f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, id-detentur titolari għandu jiġi indikat fit-Taqsima 4 tal-liċenzja;

(b) iċ-ċessjonarju li jikkorrispondi għall-informazzjoni mogħtija fit-Taqsima “Iċ-ċessjonarju” tal-liċenzja f'konformità mal-Anness I.1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239. Jekk, f'konformità mar-regoli tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 21a sa 21d ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-liċenzja għandha tinħareġ f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, iċ-ċessjonarju għandu jiġi indikat fit-Taqsima 6 tal-liċenzja;

(c) rappreżentant doganali maħtur li jaġixxi f'isem id-detentur titolari jew iċ-ċessjonarju kif previst fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, fejn fid-dikjarazzjoni doganali jiġi

speċifikat li d-detentur titolari jew iċ-ċessjonarju huwa l-persuna li f'isimha jitwettaq l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1.”;

(4) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Trasferiment ta' drittijiet li jirriżulta minn liċenzja jew estratt tagħha jista' jsir favur ċessjonarju wieħed biss u għandu jkopri l-kwantitajiet li għadhom ma ġewx attribwiti lil-liċenzja jew lil estratt tagħha.

Meta liċenzja jew l-estratt tagħha maħruġa f'konformità mal-Anness I.1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 jiġu ttrasferiti lura lid-detentur titolari, id-detentur titolari jista' jerġa' jittrasferixxiha favur ċessjonarju wieħed ieħor, fil-limiti tal-kwantità li tkun għadha ma ġietx attribwita lil-liċenzja.”;

(5) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 8

Notifiki

F'konformità mal-kundizzjonijiet iddettaljati stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 223(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan li ġej:

(a) il-liċenzji ta' sostituzzjoni maħruġa msemmija fl-Artikolu 15(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239. Meta l-Istati Membri jagħmlu l-liċenzji ta' sostituzzjoni disponibbli fis-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (ELAN) irregolati mir-Regolament Delegat (UE) 2025/XXX [C(2025) 1804, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/XXX [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet], huma għandhom jinnotifikaw dawk il-liċenzji ta' sostituzzjoni wara talba tal-Kummissjoni;

(b) każijiet ta' *force majeure* msemmija fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(c) fir-rigward tal-qanneb, l-awtoritajiet kompetenti għall-kontrolli msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(d) fir-rigward tal-alkoħol etiliku, il-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(e) fir-rigward tar-ross, il-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 19a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(f) l-irregolaritajiet imsemmija fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(g) l-awtoritajiet kompetenti biex jirċievu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji u biex joħroġu l-liċenzji jew il-liċenzji ta' sostituzzjoni msemmija fl-Artikolu 20(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239;

(h) it-timbri uffiċjali u, fejn xieraq, l-istampi b'tipa mqabbża msemmija fl-Artikolu 20(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.”;

(6) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti tal-qanneb elenkati fit-Taqsimiet C, D u G tal-Parti I tal-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jkun soġġett għal liċenzja tal-importazzjoni f'konformità mal-Anness I.1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 (“ELAN I L-AGRIM”) u l-istruzzjonijiet ippubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal*

Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Matul il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 21a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239, il-liċenzji jistgħu jinħarġu f'konformità mal-mudelli stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Il-liċenzja għandha tinħareġ biss meta jkun intwera għas-sodisfazzjon tal-Istat Membru fejn il-prodotti tal-qanneb għandhom jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 189(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u f'dan ir-Regolament u r-rekwiżiti stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 189(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, ikunu ġew issodisfati.”;

(7) L-Artikolu 10 jitħassar.

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/760 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Regoli applikabbli oħra

Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u r-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2022/127**, (UE) 2015/2446***, (UE) 2016/1237**** u (UE) 2025/XXX***** [C(2025) 1804, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet], u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239***** u (UE) 2025/XXX***** [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] għandhom japplikaw, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

* Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>).

** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

*** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/2446/oj).

**** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1237 tat-18 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli dwar ir-rilaxx u t-telf ta' garanziji ppreżentati għal tali liċenzji (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/1237/oj).

***** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/XXX of ...li jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-

rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (“ELAN”) għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-kummerċ u s-suq fi prodotti agrikoli [C(2025) 1804, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] (ĠU L, ELI....).

***** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239 tat-18 ta' Mejju 2016 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/1239/oj).

***** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/XXX ta' ... li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (“ELAN”) [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] (ĠU L, ELI...);

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. B'deroga mill-Artikolu 24(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127, meta r-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni jew l-esportazzjoni mill-Unjoni jkunu seħħew fil-perjodu ta' validità tal-liċenzja, iżda l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-prova ta' dak ir-rilaxx jew l-esportazzjoni jinqabeż, il-garanzija għandha tintilef bi 3 % għal kull jum kalendarju li matulu jinqabeż il-limitu ta' żmien.

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jivverifikaw l-użu tal-liċenzji magħmula disponibbli permezz tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (ELAN) imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/XXX [C(2025) 1804, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] direttament f'dik is-sistema. Meta r-regoli tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 21a sa 21d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 jippermettu lill-awtoritajiet doganali jagħmlu attribuzzjonijiet għal-liċenzji jew għall-estratti direttament fis-sistemi elettroniċi nazzjonali tal-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jivverifikaw l-użu tal-liċenzji direttament f'dawk is-sistemi. Meta l-liċenzji jkunu ntużaw bil-verżjoni fuq karta jew meta jkunu ttieħdu minnhom estratti fuq karta, japplika l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.”;

(3) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-kwantità referenzjali għandha tiġi stabbilita abbażi ta' kopja ċċertifikata tad-dikjarazzjoni doganali li tkun ġiet iffinalizzata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Id-dikjarazzjoni doganali għandha tindika, skont ir-rekwiżiti ta' kull Stat Membru, jekk l-applikant għal liċenzja huwiex dikjarant kif imsemmi fl-Artikolu 5, il-punt (15), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew importatur kif imsemmi fit-Titolu I, il-Kapitolu 3, il-Grupp 3, tal-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u fit-Titolu II, il-Grupp 3, ta' dak l-Anness.”;

(b) il-paragrafu 2 jiġihassar;

(4) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 17

Notifiki lill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni għal kull perjodu tal-kwota tariffarji bl-informazzjoni li ġejja permezz tas-sistema ta' notifika stabbilita bir-Regolament Delegat (UE) 2017/1183 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185:

- (a) il-kwantitajiet koperti minn applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni;
- (b) il-kwantitajiet koperti minn liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni maħruġa. L-Istati Membri li joħorġu liċenzji bl-użu tal-ELAN jew li jittrażmettuhom lil dik is-sistema għandhom jinnotifikawhom wara talba tal-Kummissjoni;
- (c) il-kwantitajiet mhux użati koperti minn liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni mhux użati jew parzjalment użati. L-Istati Membri li joħorġu liċenzji bl-użu tal-ELAN jew jittrażmettuhom lil dik is-sistema għandhom jinnotifikawhom wara talba tal-Kummissjoni;
- (d) il-kwantitajiet allokatil lil operaturi fi ħdan kwota tariffarja li għaliha ma nħarġux liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni;
- (e) il-kwantitajiet rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera jew esportati skont il-liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni maħruġa. L-Istati Membri li joħorġu liċenzji bl-użu tal-ELAN jew li jittrażmettuhom lil dik is-sistema għandhom jinnotifikawhom wara talba tal-Kummissjoni;
- (f) għall-kwoti tariffarji li għalihom hija meħtieġa reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi:
 - (i) l-ismijiet, in-numri tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi (EORI) u l-indirizzi tal-operaturi li rċevew liċenzji tal-importazzjoni jew taċ-ċessjonarji ta' liċenzja tal-importazzjoni;
 - (ii) għal kull operatur, il-kwantitajiet li tkun saret applikazzjoni għalihom;
 - (iii) applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika tar-Reġistrazzjoni u l-Identifikazzjoni tal-Operaturi tal-Liċenzji (LORI) li ġew ivalidati u rrifjutati, reġistrazzjonijiet li ġew irtirati, u validazzjonijiet u rifjuti ta' bidliet fir-rekord tal-LORI;
- (g) għall-kwoti tariffarji tal-importazzjoni amministrati b'dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi, għal kull ċertifikat ta' awtentiċità, ċertifikat ta' Arranġament ta' Monitoraġġ Attiv ("IMA 1"), jew ċertifikat ta' eliġibbiltà, jew is-subtip rilevanti ta' ELAN1L-TCDOC, imsemmi fl-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 ippreżentat minn operatur, in-numru tal-liċenzja korrispondenti maħruġa, u l-kwantitajiet koperti. Meta kemm id-dokument maħruġ minn pajjiżi terzi kif ukoll il-liċenzja korrispondenti jkunu disponibbli fl-ELAN, l-Istati Membri għandhom sempliċiment jindikaw in-numru tal-ELAN1L-TCDOC fit-Taqsima rilevanti tal-ELAN1L-AGRI. L-Istati Membri xorta għandhom jinnotifikaw il-liċenzja korrispondenti, wara talba tal-Kummissjoni.”.

Artikolu 3

Dispożizzjoni tranżizzjonali

L-emendi introdotti b'dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/XXX [C(2025) 1803, trid timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet] u mar-regoli applikabbli matul dak il-perjodu għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u għad-dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi stabbiliti fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE)

2016/1239 u (UE) 2020/761, u fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988¹⁰ u (UE) 2023/2834¹¹.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6.5.2025

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

¹⁰ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 tal-11 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1988/oj).

¹¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2834 tal-10 ta' Ottubru 2023 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-importazzjonijiet fis-setturi tar-ross, taċ-ċereali, taz-zokkor u tal-ħops (ĠU L, 2023/2834, 21.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2834/oj).